

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 128 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Volum 53

27 ta' Mejju 2010

Werrej

II Atti mhux leġislattivi

### REGOLAMENTI

|   |   |
|---|---|
| ★ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2010 tas-26 ta' Mejju 2010 dwar il-miżuri tranzi-torji skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-ittekkettjar għall-għalf <sup>(1)</sup> .....                        | 1 |
| ★ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 455/2010 tas-26 ta' Mejju 2010 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda .....  | 3 |
| Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 456/2010 tas-26 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix .....  | 5 |
| Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 457/2010 tas-26 ta' Mejju 2010 li jemenda l-prezzijiet rappreż-tattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonal għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10 ..... | 7 |

### DEĊIŻJONIJIET

2010/301/UE:

|  |   |
|--|---|
| ★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2004/407/KE dwar 1-awtorizzazzjoni tal-importazzjoniijiet tal-ġelatina fotografika fir-Repubblika Ċeka (notifikata bid-dokument numru C(2010) 3244) ..... | 9 |
|--|---|

Prezz: 3 EUR

<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

**MT**



## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 454/2010

tas-26 ta' Mejju 2010

**dwar il-miżuri tranżitorji skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-itikkettjar għall-għalf**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropew,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf ('), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 jipprovd iħal reviżjoni sħiħa tar-regoli tal-UE dwar il-kundizzjonijiet tat-tqegħid fis-suq ta' materjali tal-għalf u għalf kompost u l-Artikolu 32 (4) jippermetti miżuri li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għar-regoli l-għoddha.

(2) Ir-regoli dwar l-itikkettjar stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 767/2009 għandhom jiġi applikati mill-1 ta' Settembru 2010. Dan jimplika bidla f'daqqa u mhux tranżizzjoni mingħajr diffiċultajiet għall-operaturi tan-negożju tal-għalf li jqiegħdu l-għalf fis-suq. Il-bdil tad-disinn u l-produzzjoni tat-tikketti u l-bidla tal-makkinarju eżistenti minn jum għall-ieħor tkun spiża kbira għal dawk in-negożji. Il-piż li jirriżulta minn dan ikun sproporzjonat għall-objettiv tal-bidla. Huwa għalhekk xieraq li jingħata perjodu tranżitorju li matulu l-għalf jista' jiġi ttikkett jaqtid skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 qabel l-1 ta' Settembru 2010.

(3) Fir-rigward tal-għalf intenzjonat għall-animali domestiċi, is-suq jikkonsisti f'numru kbir ta' prodotti differenti b'tikketti speċifiċi. Meta mqabbel mar-regoli tal-itikkettjar

attwali għall-ikel tal-annimali domestiċi, l-Artikoli 15(f), 17(1)(f) u 19 biss tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 ser jintrodu tibdil għal-itikkettjar ta' dawn il-prodotti, li jirrappreżenta biss tibdil minuri bl-ebda effett fuq is-sigurtà. Sabiex ikun hemm tranżizzjoni mingħajr diffiċultajiet għall-operaturi tan-negożju tal-għalf ikkonċernat, huwa ġustifikat li jkun provdut perjodu tranżitorju ta' sena li matulu t-tikketti attwali għall-ikel tal-annimali domestiċi jkunu jistgħu jibqgħu jintużaw wara l-1 ta' Settembru 2010.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħha tal-Annimali,

## ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Permezz ta' deroga mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 u mingħajr preġudizzju għad-Direttivi tal-Kunsill 79/373/KEE (2), 82/471/KEE (3), 93/74/KEE (4) u 96/25/KE (5), l-għalf ittikkettja skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 jista' jitqiegħed fis-suq mid-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Permezz ta' deroga mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 767/2009, l-għalf intenzjonat għal annimali domestiċi u ttikkett jaqtid skont id-Direttiva 79/373/KEE u l-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE (6) jista' jitqiegħed fis-suq sal-31 ta' Awwissu 2011. Wara dik id-data, jista' jibqa' fis-suq sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

<sup>(2)</sup> ĠU L 86, 6.4.1979, p. 30.<sup>(3)</sup> ĠU L 213, 21.7.1982, p. 8.<sup>(4)</sup> ĠU L 237, 22.9.1993, p. 23.<sup>(5)</sup> ĠU L 125, 23.5.1996, p. 35.<sup>(6)</sup> ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1.<sup>(1)</sup> ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2010.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO*

---

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 455/2010****tas-26 ta' Mejju 2010****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana <sup>(1)</sup>, u speċjalment l-Artikolu 9(1)(a), tiegħi.

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda meħmużha mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċċessarju li jiġi adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretażżoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli jaapplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parżjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet spċċiċi tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna nru (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġi kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna nru (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna nru (3) ta' dik it-tabella.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fit-totalità tiegħu, u direttament applikabbi fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2010.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nhargħet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità <sup>(2)</sup>.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament tfasslu b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**

**Artikolu 1**

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

**Artikolu 2**

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

**Artikolu 3**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Għall-Kummissjoni,  
fisem il-President,*

*Algirdas ŠEMETA*

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

## ANNESS

| Deskrizzjoni tal-prodotti<br>(1)   | Klassifikazzjoni<br>(Kodiċi tan-NM)<br>(2) | Raġunijiet<br>(3)  |
|--|--|--|
| <p>Apparat li jikkonsisti fsors ta' dawl ultravjola (UV) interkambjabbli, riflettur, xatter, kontroll tal-intensità u xatter-tajmer fkejsing (hekk-imsejjaħ "sors ta' spotlight UV") b'dimensjonijiet globali ta' 311 × 160 × 227 mm. Il-kejsing huwa mgħammar b'manku, kontrolli u gwida fissa għad-dawl.</p> <p>L-apparat jintuża fprocess fotokimiku, hekk-imsejjaħ "kura bil-UV", għat-trattament tal-wiċċ ta' varji materjali fotosensitivi b'radjazzjoni UV, b'mod partikolari għat-twebbis mhux mekkanika ta' diversi materjali u kisjiet, permezz ta' emissjonijiet ikkontrollati ta' dawl UV.</p> | 8543 70 90                                 | <p>Il-klassifikazzjoni hija determinata permezz tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Maqgħuda u mill-kitba fil-kodiċi NM 8543, 8543 70 u 8543 70 90.</p> <p>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8479 bħala magna li għandha funzjoni individwali, mhux spċifikata jew inkluża mkien ieħor fil-Kapitolu 84, hija eskużha minħabba li t-twebbis ma jinvolvi l-ebda funzjoni mekkanika, iżda huwa r-riżultat ta' proċess fotokimiku. Għaldaqstant, l-apparat għandu jiġi kkunsidrat bħala tagħmir ta' irradjazzjoni UV għall-użu industrijal ġenerali (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni dwar is-Sistema Armonizzata għall-intestatura 8543, ir-raba' paragrafu, punt (11)).</p> <p>Għalhekk l-apparat għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 8543 70 90 bħal magni elettriċi u apparat, b'funzjonijiet individwali, mhux spċifikat jew inkluż imkien ieħor fil-Kapitolu 85.</p> |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 456/2010****tas-26 ta' Mejju 2010**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ġertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swiegħ agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)<sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2010.

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Ūrugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-27 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni,  
fissem il-President,  
Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

## ANNESS

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

(EUR/100 kg)

| Kodiċi NM  | Kodiċi tal-pajjiż terz (l <sup>l</sup> ) | Valur fissi tal-importazzjoni |
|------------|--|-------------------------------|
| 0702 00 00 | MA                                       | 65,7                          |
|            | MK                                       | 50,2                          |
|            | TN                                       | 75,5                          |
|            | TR                                       | 59,7                          |
|            | ZZ                                       | 62,8                          |
| 0707 00 05 | MA                                       | 41,0                          |
|            | MK                                       | 70,2                          |
|            | TR                                       | 119,6                         |
|            | ZZ                                       | 76,9                          |
| 0709 90 70 | TR                                       | 111,2                         |
|            | ZZ                                       | 111,2                         |
| 0805 10 20 | EG                                       | 61,3                          |
|            | IL                                       | 62,2                          |
|            | MA                                       | 60,4                          |
|            | PY                                       | 48,3                          |
|            | ZA                                       | 55,4                          |
|            | ZZ                                       | 57,5                          |
| 0805 50 10 | AR                                       | 96,4                          |
|            | BO                                       | 58,6                          |
|            | BR                                       | 112,1                         |
|            | TR                                       | 85,0                          |
|            | ZA                                       | 115,4                         |
|            | ZZ                                       | 93,5                          |
| 0808 10 80 | AR                                       | 79,2                          |
|            | BR                                       | 81,3                          |
|            | CA                                       | 113,1                         |
|            | CL                                       | 79,8                          |
|            | CN                                       | 71,0                          |
|            | MK                                       | 26,7                          |
|            | NZ                                       | 111,6                         |
|            | US                                       | 141,1                         |
|            | ZA                                       | 91,2                          |
| 0809 20 95 | ZZ                                       | 88,3                          |
|            | TR                                       | 597,7                         |
|            | US                                       | 328,1                         |
|            | ZZ                                       | 462,9                         |

(<sup>l</sup>) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrapreżenta "oriġini oħra".

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 457/2010

tas-26 ta' Mejju 2010

**li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sett taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabilixxi organizzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (¹),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 fdak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-sett taz-zokkor (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

- (1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbi għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet

għas-sena tas-suq 2009/10 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2009 (³). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2010 (⁴).

- (2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha fidejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġi mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovdu fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbi għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-sejjh fis-27 ta' Mejju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2010.

*Għall-Kummissjoni,  
fissem il-President,*

*Jean-Luc DEMARTY*

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(¹) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

(²) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.

(³) ĠU L 253, 25.9.2009, p. 3.

(⁴) ĠU L 127, 26.5.2010, p. 12.

## ANNESS

L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbi mis-27 ta' Mejju 2010

| Kodiċi NM      | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | (EUR) |
|----------------|--|---|-------|
| 1701 11 10 (¹) | 39,80  | 0,00  |       |
| 1701 11 90 (¹) | 39,80  | 2,96  |       |
| 1701 12 10 (¹) | 39,80  | 0,00  |       |
| 1701 12 90 (¹) | 39,80  | 2,67  |       |
| 1701 91 00 (²) | 40,53  | 5,31  |       |
| 1701 99 10 (²) | 40,53  | 2,18  |       |
| 1701 99 90 (²) | 40,53  | 2,18  |       |
| 1702 90 95 (³) | 0,41   | 0,27  |       |

(¹) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(²) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(³) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# DEĊIJONIJIET

## DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Mejju 2010

**li temenda d-Deċiżjoni 2004/407/KE dwar l-lawtorizzazzjoni tal-importazzjonijiet tal-ġelatina fotografika fir-Repubblika Ċeka**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 3244)*

*(It-testi biċ-Ċek, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss huma awtentiċi)*

(2010/301/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-animali li mhumiex maħsuba għall-konsum uman<sup>(1)</sup>, u partikolarm l-Artikolu 4(4) u l-ewwel u t-tieni subparagraphi tal-Artikolu 32(1) tiegħi,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jipprobixxi l-importazzjoni u t-tranżitu tal-prodotti sekondarji u pproċessati tal-animali fl-Unjoni sakemm ma jkunux ġew awtorizzati skont dak ir-Regolament.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/407/KE tas-26 ta' April 2004 dwar regoli tranżitorji rigward is-saħħa u c-ċertifikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-importazzjoni minn ċerti pajjiżi terzi ta' ġelatina fotografika<sup>(2)</sup> tipprevedi, li l-Belġju, il-Lussemburgo, l-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ċerta ġelatina maħsuba b'mod eskużiv għall-industrija fotografika (ġelatina fotografika), b'konformità ma' dik id-Deċiżjoni.

(3) Id-Deċiżjoni 2004/407/KE tipprevedi li tiġi awtorizzata biss l-importazzjoni tal-ġelatina fotografika mill-pajjiżi terzi elenkti fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni, jiġifieri l-Ġappu u l-Istati Uniti tal-Amerika.

(4) Id-Deċiżjoni 2004/407/KE, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/960/KE<sup>(3)</sup>, tawtorizza l-importazzjoni tal-ġelatina fotografika minn impjanti speċifikati fl-Istati Uniti għar-Repubblika Ċeka. Ir-Repubblika Ċeka issa ppreżentat talba ġdida għall-awtorizzazzjoni tal-importazzjonijiet tal-ġelatina fotografika minn impjant ieħor fl-Istati Uniti. Ir-Repubblika Ċeka kkonfermat li l-kundizzjonijiet strettu ta' passaġġ skont id-Deċiżjoni 2004/407/KE se jiġu applikati sabiex jiġu evitati r-riskji potenzjali għas-saħħa.

(5) Skont dan, u bi stennija għar-reviżjoni tar-rekwiżiti tekniċi għall-importazzjoni tal-prodotti tal-animali skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli ta' saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-animali jew derivati minnhom li mhumiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-animali)<sup>(4)</sup>, ir-Repubblika Ċeka għandha tithallha tawtorizza l-importazzjoni tal-ġelatina fotografika minn impjanti addizzjonali fl-Istati Uniti sogħetti għall-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni 2004/407/KE.

(6) Id-Deċiżjoni 2004/407/KE għandha għaldaqstant tiġi emendata skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/407/KE huwa mibdul bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 151, 30.4.2004, p. 11.

<sup>(3)</sup> ĠU L 330, 16.12.2009, p. 82.

<sup>(4)</sup> ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Mejju 2010.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Mejju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

John DALLI

*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNESS

L-Anness I jinbidel b'dan li ġej:


## “ANNESS I

**IL-PAJJIŻI TERZI U L-IMPJANTI TAL-ORIĠINI, L-ISTATI MEMBRI DESTINATARJI, L-ISTAZZJONIJIET TA' SPEZZJONI FIL-FRUNTERIA TAL-EWWEL DĦUL FL-UNJONI U L-FABBRIKI TAL-FOTOGRAFIĊI APPROVATI**

| Il-Pajjiż terz tal-oriġini | L-impjanti tal-oriġini   | Stat Membru destinatarju | Stazzjon ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-ewwel dħul fl-UNJONI | Fabbriki fotografiċi approvati   |
|----------------------------|--|--------------------------|---|--|
| Ġappun                     | Nitta Gelatin Inc.<br>2-22 Futamata<br>Yao-City, Osaka<br>581 – 0024 il-Ġappun<br><br>Jellie Co. Ltd.<br>7-1, Wakabayashi 2-Chome,<br>Wakabayashi-ku,<br>Sendai-city, Miyagi,<br>982 Il-Ġappun<br><br>NIPPI Inc. Id-Diviżjoni tal-Ġelatina<br>1 Yumizawa-Cho<br>Fujinomiya City Shizuoka<br>418 – 0073 il-Ġappun | Il-Pajjiżi l-Baxxi       | Rotterdam   | FUJIFILM Ewropa B.V.,<br>Oudenstaart 1<br>5047 TK Tilburg,<br>Il-Pajjiżi l-Baxxi                 |
|                            | Nitta Gelatin Inc.<br>2-22 Futamata<br>Yao-City, Osaka<br>581 – 0024 Il-Ġappun   | Ir-Renju Unit            | Liverpool<br>Felixstowe                                       | Kodak Ltd Headstone Drive,<br>Harrow, MIDDX<br>HA4 4TY,<br>ir-Renju Unit                         |
|                            |  | Ir-Repubblika Ċeka       | Hamburg   | FOMA BOHEMIA spol. s r.o.<br>Jana Krušinky 1604<br>501 04 Hradec Králové,<br>ir-Repubblika Ċeka, |
| L-Istati Uniti tal-Amerika | Eastman Gelatine Corporation,<br>227 Washington Street,<br>Peabody, MA, 01960 USA<br><br>Gelita L-Amerika ta' Fuq, Gelita<br>North America,<br>2445 Port Neal Industrial Road<br>Sergeant Bluff, Iowa, 51054<br>USA  | Il-Lussemburgu           | Antwerp<br>Zaventem<br>Il-Lussemburgu                         | DuPont Teijin<br>Il-Lussemburgu SA<br>PO Box 1681<br>L-1016 il-Lussemburgu                       |
|                            |  | Ir-Renju Unit            | Liverpool<br>Felixstowe                                       | Kodak Ltd<br>Headstone Drive, Harrow,<br>MIDDX HA4 4TY<br>Ir-Renju Unit                          |
|                            |  | Ir-Repubblika Ċeka       | Hamburg   | FOMA BOHEMIA spol. s r.o.<br>Jana Krušinky 1604<br>501 04 Hradec Králové,<br>ir-Repubblika Ċeka” |

# EU Book shop

Il-publikazzjonijiet kollha  
tal-UE li INT qed tfittex!



[bookshop.europa.eu](http://bookshop.europa.eu)



## **PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)**

|  |   |                    |
|--|---|--------------------|
| Il-Ġurnal Ufficijal tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss   | 22 lingwa ufficijali tal-UE                 | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Ufficijal tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali   | 22 lingwa ufficijali tal-UE                 | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Ufficijal tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss   | 22 lingwa ufficijali tal-UE                 | 770 EUR fis-sena   |
| Il-Ġurnal Ufficijal tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)                                      | 22 lingwa ufficijali tal-UE                 | 400 EUR fis-sena   |
| Suppliment tal-Ġurnal Ufficijal (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa ufficijali tal-UE | 300 EUR fis-sena   |
| Il-Ġurnal Ufficijal tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet  | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni         | 50 EUR fis-sena    |

L-abbonament f'Il-Ġurnal Ufficijal tal-Unjoni Ewropea, li joħroġ fil-lingwi ufficijali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Ufficijal L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Ufficijali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Ufficijal (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika ufficijali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikiesta, l-abbonament f'Il-Ġurnal Ufficijal tal-Unjoni Ewropea jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Ufficijal. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'Il-Ġurnal Ufficijal tal-Unjoni Ewropea.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

### **Bejgħ u Abbonamenti**

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'Il-Ġurnal Ufficijal tal-Unjoni Ewropea, huma disponibbli mill-ufficiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-ufficiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat Il-Ġurnal Ufficijal tal-Unjoni Ewropea u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**

